MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 225/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-6 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici twilditilha tarbija bl-isem ta’ X minn relazzjoni li kellha ma’ B, liema tarbija twieldet fis-17 ta’ Ottubru tas-sena 2000, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid markat Dok A.

Kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid jirrizulta illi l-missier naturali tat-tarbija huwa l-istess B.

Illi l-konvenut huwa obbligat li mhux biss imantni lill-imsemmija tifla minuri izda li jhallas kull manteniment minnu dovut mhux biss ghall-futur izda mid-data tat-twelid tat-tarbija minuri u dan in linea mal-principju stabbilit fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ l-20 ta’ Dicembru 1974 fl-ismijiet Filippu Grech vs Antonia Magri (XXXII.I.468).

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata in linea ta’ manteniment ghat-tifla minuri X okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi, u liema somma ghandha tirrifletti dak li kien ikollu jhallas il-konvenut sal-lum mid-data tat-twelid tat-tarbija sad-data tas-sentenza effettiva u ohra gjornaljiera u cioe’ ‘per diem’ in linea ta’ manteniment futur ghall-imsemmija minuri X, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjez, u bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fil-11 ta’ Ottubru, 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti qatt ma kellu problemi biex ihallas manteniment ghal bintu X u fil-fatt l-eccipjent kien offra li jhallas hamsin lira (Lm50) fix-xahar waqt il-kors tal-medjazzjoni liema somma l-attrici rrifjutat;

2. Illi apparti dan il-partijiet ghamlu zmien twil mhux hazin jghixu flimkien u l-eccipjent ghamel dan iz-zmien kollu imantni lill-istess attrici u wkoll lil bintu minuri X u

ghaldaqstant kwalsijasi pretensjoni ta’ l-attrici ghall-manteniment b’lura ghandha tkun michuda;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ April, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghs-sentenza wara li semghet it-trattazzjoni ta’ l-Avukati tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas manteniment ghal binthom mid-data tat-twelid taghha msemmija billi skond hi, il-konvenut qatt ma mantniha.

Il-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieldet il-minuri fis-17 ta’ Ottubru, 2000. Skond il-verbal tas-27 ta’ Jannar, 2006, ir-relazzjoni ntemmet cirka sena u nofs ilu. Infatti fil-frattemp l-attrici ppresentat rikors li gie degretat f’Settembru 2005 u l-konvenut kien gie ordnat ihallas manteniment ta’ erbghin Lira Maltija (Lm40) fil-gimgha wara li ma wegibx fiz-zmien moghti lilu mill-Qorti ghal dan ir-rikors. Eventwalment il-konvenut talab revoka ta’ dan id-digriet izda billi fil-frattemp din il-kawza kienet waslet fi stat avvanzat, il-Qorti ddecidiet li thalli din il-kwistjoni pendenti sakemm tigi deciza l-istess kawza.

L-ewwelnett ghandu jinghad li ghall-perjodu bejn Novembru 2002 u Gunju 2004 (dsatax-il xahar) il-partijiet kienu jghixu

flimkien u f'dak il-perjodu skond l-istess attrici l-konvenut kien jaghtiha mitt Lira Maltin (Lm100) fix-xahar. Naturalment f'dak il-perjodu l-attrici kienet ukoll tipprovdi ghall-hajja ta' bejniethom billi kienet issajjar u taghmel il-facendi kollha (ara l-affidavit taghha a fol 57). Madankollu hu fatt li l-konvenut kien jivversa l-manteniment li l-attrici zgur kienet tikkonsidra sufficjenti ghaliex f'dak il-perjodu kienu jghixu ta' mizzewgin – hija stess qalet li dawn il-flus *kienu jservu ghall-bzonnijiet taghna.*

Ghalhekk il-Qorti trid tillikwida dak li kien messu hallas il-konvenut bejn Ottubru 2000 u Novembru 2002 – ghaliex ghalkemm hu qal li kien ihallas ma qalx kemm u certament ma kkonvinciex lill-Qorti li ghamel dan – u wara dak il-perjodu. Bhalissa l-konvenut jaqla' cirka tlieta u disghin Lira Maltin (Lm93) fil-gimgha wara li titnaqqas it-taxxa u l-bolla (Dok. XY). Fl-2000 qala' hamest elef, disa' mija u sitta u erbghin Lira Maltin (Lm5,946) u fl-2001 hamest elef, erba' mija u disgha u erbghin Lira Maltin (Lm5,449) (Dok. A u B) dejjem wara t-tnaqqis imsemmi u fl-2003 tmint elef, tlett mija u sittax-il Lira Maltin (Lm8,316) *gross,* fl-2004 sebat elef, disa' mija u erbgha u sittin Lira Maltin (Lm7,964) *gross* u fl-2005 sitt elef, mitejn u tlieta Liri Maltin (Lm6,203) *gross.* Huwa minnu li dejjem kellu jhallas disgha u sittin Lira Maltin (Lm69) lill-bank ghal self li ha biex xtara d-dar fejn anke kienu joqoghdu flimkien il-partijiet – sussegwentement xtara sehem l-attrici. Ghalhekk dejjem kellu qligh tajjeb ta' iktar minn mitt Lira Maltin (Lm100) fil-gimgha. Ghalhekk il-Qorti ser takkorda dan il-manteniment ghall-minuri.

Bejn Ottubru 2000 u Novembru 2002 sittin Lira Maltin (Lm60) fix-xahar; total ta' elf, tlett mija u tmenin Lira Maltin (Lm1,380).
Bejn Lulju 2004 u Awwissu 2005 hamsa u sittin Lira Maltin (Lm65) fix-xahar; total ta' tmien mija u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm845).

Fir-rigward tal-manteminent minn Settembru 2005 sal-llum il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tal-konvenut kontenuta fir-rikors tieghu tal-11 ta' Ottubru, 2005 u tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tat-13 ta' Settembru, 2005 u tvarja l-manteniment ghal tmenin Lira Maltin (Lm80) fix-xahar; total ta' sitt mija u erbghin Lira Maltin (Lm640). B'kollox ghalhekk elfejn, tmien mija u hamsa u sittin Lira Maltin (Lm2,865). Din ir-rata ta' tmenin Lira Maltin (Lm80) mensili, ser tkun dik pagabbli minn issa – *rebus sic standibus*.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut hlief kif gej, tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha bhala arretrati tal-manteniment ghall minuri imsemmija is-somma ta' Lm2865 (elfejn tmien mija u sitta u hamsin) u tikkundanna lill-konvenut biex b' effett mill-1 ta' Mejju 2006 ihallas bhala manteniment is-somma ta' Lm80 fix-xahar lill-attrici ghall minuri imsemmija, *rebus sic standibus*.**

**L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------